2, Dar Parrokkjali,
Misraħ il-Knisja
Ħal Luqa

265/2024

E.T.Mons. Arċisqof Charles J.Scicluna
Il-Kurja ta' l-Arċisqof
Floriana

26 ta' Settembru 2024

**Rikors: Restawr Gilandora Corpus Christi**

Eċċelenza,

Ir-rikkorent jagħmel it-talba li ssir ir-restawr tal-Gilandora ta' Corpus Christi. Rapport tax-xogħlijiet u anness. Inġibu anki fondi sabiex issir parti minn dan il-proġett. (ittra mehmuza).

Nitlob il-barka tiegħek,

Kan. M. Zammit

Kan. Michael Zammit
Kappillan

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
Illum 30 ta' Settembru 2024
Charles Buzzga, Kanċillier

Dar Parrokkjali

2, Misraħ il-Knisja

Luqa LQA 03

E-mail parroċċa.luqa@maltadiocese.org

E.T.Mons. Arċisqof Charles J.Scicluna

Il-Kurja ta' l-Arċisqof

Floriana

22 t'Awwissu 2024

Ninfurmak li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali ta' l-Erbgħa 21 t'Awwissu, il-membri qablu mad-deċiżjoni tal-Kappillan Kan. Dun Michael Zammit li ssir l-Induratura minn barra tal-Ġirandola ta' Corpus Christi li tiswa' €25,000. Il-fondi ser jiġu mogħtija mis-Social Fund tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Nitlob il-Barka tiegħek

W. Scicluna

Wilma Scicluna (Segretarja K.P.P)

GVERN TA' MALTA
FOND GĦAL KAWŻI SOĊJALI

26 ta' Awwissu 2024

Is-Sur Neil Zammit
Knisja Parrokkjali Luqa
Domus Cuialis, 2 Misraħ il-Knisja
Luqa

**Preserving our Religious Heritage**

Għażiż Sur Zammit,

Bi pjaċir ngħarrfek li t-talba tiegħek dwar il-proġett imsemmi hawn fuq għal għajnuna mill-Fond għal Kawżi Soċjali ġiet milqugħa u s-somma ta' €17,000 ġiet allokata bħala għotja.

Din l-għotja tinħareġ meta jiġu ppreżentati l-irċevuti u tintbagħat evidenza fotografika li l-proġett, jew il-fażi miftehma bejn il-Kumitat u l-applikant, tkun tlestiet. Din l-għotja tibqa' valida għal sentejn sakemm ma jkunx hemm talbiet ġustifikati ta' estensjoni li jiġu milqugħa. F'dan il-każ it-talba għal estensjoni trid tasal qabel l-iskadenza ta' sentejn.

Infakkruk ukoll li l-benefiċjarju jinsab obbligat li fuq il-post tal-proġett jirrikonoxxi viżibilment il-kontribut mogħti mis-Social Causes Fund.

Inti mħeġġeġ tkompli tikkonsulta l-linji gwidi ta' dan il-Fond, li ssibhom fuq https://opm.gov.mt/wp-content/uploads/2023/05/SCF-Guidelines_MT-1.pdf

Nifraħlek u nawguralek kull suċċess f'din l-inizjattiva.

Ħajr u tislijiet,

Tony Sultana
Chairperson

T +356 2200 1269 E socialcausesfund@gov.mt

# Rapport ta' Induratura Gdida tal-Gilandra tal-Parrocca ta' Hal Luqa

Il-Kappillan tal-Parrocca ta' Hal Luqa il-Kan. Michael Zammit esprima x-xewqa illi jsir intervent ta' konservazzjoni f' waqtu fuq il-gilandra tal-istess Parrocca li tintrama ghal Corpus, Qalb ta' Gesu u l-Milied; dan ghaliex din il-gilandra ma tinsabx fi stat ta konservazzjoni tajjeb kawza ta hsarat li garrbet tul iz-zmien.

Wara analizi li saret mill-Induratur Carmel Cassar fuq l-imsemmija gilandra, gie innutat li hemm bzonn li jsiru dawn ix-xogholijiet biex il-gilandra terga' lura ghal stat ta' konservazzjoni tajjeb:

- Titqaxxar kollha mill-gibs prezenti tal-induratura peress li matul iz-zmien garrab hafna hsarat ta qbid bl-idejn waqt il-garr, il-fidda tqaxxret u l-gibs iddistakka ruhu minn mal injam f certu postijiet kif jidher f' dawn ir-ritratti.





- Kif jitlesta l-process tat-tqaxxir, l-injam isirlu trattament apposta ghal kontra s-susa, dan peress li gew innutati xi toqob tas-susa specjalment fir-raggiera *(fejn indikat b' cirku ahmar)*. B' dan it-trattament, jigi zgurat li s-susa fl-injam tinqered kollha u jigi kkonservat l-injam ghall-gejjien.



- Kif jitlesta t-trattament kontra s-susa, tinhadem mill-gdid l-iskultura li hemm nieqsa u tigi rrangata l-hsara li hemm fl-injam sabiex l-injam jerga' lura ghal stat ta' konservazzjoni tajjeb.




- Wara li l-injam ikun ikkonservat, fejn hemm xi gonot fl-injam jew xpakki dawn jigu nxuqqati sabiex jigi marbut l-injam u ma jaqsamx il-gibs tal-induratura.





- Wara dan l-istadju, jibda jigi moghti l-gibs tal-induratura. Jigu moghtija diversi passati sakemm tintlahaq certu hxuna li tkun tista tigi xkatlata.

- Wara l-ghoti tal-gibs jibda l-process tal-ixkatlar. Il-gilandra tigi xkatlata b' reqqa sabiex jergghu jihargu d-dettalji tal-iskultura u tigi ppreparata ghal induratura gdida.

- L-induratura ssir b' deheb 24 carat u fidda sterling silver u jigi mqassam fejn ileqq u fejn matt skond is-sena tal-induratura. Fl-ahhar jinghata vernic apposta sabiex jipprotegi d-deheb u l-fidda minn reazzjonijiet naturali.

Materjali

- Deheb 24ct (deheb pur) Deheb Ingliż 'double thickness'
- Fidda Sterling Silver (fidda pura)

Stima

**€30,090** (incl. VAT)

Carmel Cassar
Induratur